

Brussell, 1 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0051(COD)**

15024/1/22
REV 1 ADD 3

DRS 64
SUSTDEV 203
CODEC 1793
COMPET 928

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
fi:	30 ta' Novembru 2022
lil:	Kunsill

Nru dok. Cion:	6533/22
----------------	---------

Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 - Approċċ Ġenerali = <i>Dikjarazzjoni mill-Estonja</i>
----------	--

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Estonjana dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill Kompetittività tal-1 ta' Diċembru 2022.

Proposta għal Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva

Dikjarazzjoni mill-Estonja

li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-Kunsill COMPET fl-1 ta' Diċembru 2022

L-Estonja tilqa' l-għan ġenerali tad-Direttiva dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent matul l-attivitajiet kummerċjali. Il-kumpaniji, speċjalment intrapriżi kbar, għandhom rwol importanti u saħansitra kruċjali fir-rigward tas-sostenibbiltà, billi l-mezzi ta' produzzjoni ta' oġġetti u servizzi għandhom impatt sinifikanti fuq il-prinċipji tal-ambjent u tad-drittijiet tal-bniedem.

Madankollu, mill-perspettiva tagħna, is-soluzzjonijiet fir-rigward tal-parti tal-Anness dwar id-drittijiet tal-bniedem, ir-responsabbiltà ċivili u s-settur finanzjarju għandhom mhumiex legalment ċari jew fattibbli. L-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet legalment mhux ċari tista' toħloq piż amministrattiv eċċessiv kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-kumpaniji, u tista' tnaqqas il-kompetittività tagħhom. Minkejja li qed naraw bosta emendi pożittivi għall-proposta inizjali, għadna naħsbu li għadu ma ntlaħaqx bilanċ bejn l-interessi differenti indirizzati mill-proposta.

Rigward l-implimentazzjoni tal-Anness (speċjalment fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem), dan jgħid mistoqsijiet dwar kif għandhom jissawru obbligi legalment ċari u li jinftiehem fid-dritt nazzjonali. Dan imbagħad jista' jwassal għal obbligi mhux unifikati biżżejjed madwar l-UE, li ma jappoġġawx l-għan tad-Direttiva. Barra minn hekk, l-obbligi vagi jagħmluha diffiċli biex il-kumpaniji jivvalutaw l-obbligi tagħhom sabiex b'mod raġonevoli jevitaw responsabbiltà ċivili possibbli u biex il-parti danneġġata tivvaluta l-prospetti raġonevoli ta' pretensjoni. Barra minn hekk, għadna naraw inkonsistenzi mal-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-obbligi, prinċipalment fir-rigward tal-attribuzzjoni ta' responsabbiltà. Rigward is-settur finanzjarju, is-sostenibbiltà f'dan is-settur diġà hija rregolata minn atti differenti, fatt li jqajjem bosta mistoqsijiet dwar l-interkonnnessjonijiet, il-koerenza u ċ-ċarezza legali li jikkonċernaw ir-regoli dwar id-diliġenza dovuta applikabbli għas-settur finanzjarju.

Fil-kuntest deskritt hawn fuq, l-Estonja ma tistax tapprova l-Approċċ Ġenerali, speċjalment billi xtaqna nispeċifikaw il-parti tal-Anness dwar id-drittijiet tal-bniedem u nħassru jew għall-inqas nispeċifikaw aħjar id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà ċivili.
